# IT-TEATRU MODERN*

**(Taħdita tal-Prof. Ġużè Galea fl-okkażjoni ta' l-Ewwel Seminar tad-Drama mniedi mir-Rediffusion f'Ottubru ta' l-1968).**

It-teatru hu għajn ta' tagħlim u ta' treġija fil-ħajja tal-bniedem; l-iskop tiegħu mhux biex idaħħak jew ibikki, mhux biex iqajjem xewqat żregolati jew inissel pjaċiri sesswali, imma biex jiftaħ il-moħħ, iqawwi l-qalb, iseddaq ir-ruħ, iħeġġeġ id-dehen u fuq kollox biex igħarraf is-sewwa u jikxef il-ħażin.

Jekk nikkonsidraw sewwa, insibu li t-teatru fih żewġ friegħi: waħda tittratta fuq l-avventuri tal-ħajja u l-oħra tesponi problemi tal-ħajja. L-ewwel waħda tippreżenta l-passjonijiet, il-konflitti, l-emozzjonijiet, l-ostakoli u s-sitwazzjonijiet li jnisslu ferħ jew niket — kollha, jew x'uħud minnhom, minsuġin fi ġrajja li jogħġbu lill-ispettaturi, iqanqlu interess jew tensjoni.

Id-drama dwar il-problemi hi iżjed profonda u tal-ħsieb; hi mfassla l-aktar fuq ideat astratti, fuq prinċipji soċjali u fuq spekulazzjonijiet morali jew filosofiċi. Ħafna drabi s-suġġett hu misterjuż jew konfuż tant li jippreżenta enigma u jqajjem kontroversi. L-awtur f'din ix-xorta ta' drama jinqeda biex ifisser, biex ixandar jew biex jesponi ideat jew prinċipji ġodda, teoriji jew kriterji li jiddisturbaw l-ordni konvenzjonali tal-ħsieb jew tal-ħajja tas-soċjetà. Ħafna drabi din ix-xorta ta' drama hi rivoluzzjonarja fis-sens li twaqqa' u tħarbat is-sistema stabbilit jew is-sistema konservattiv ta' l-arti drammatika, għax f'din il-kwalità ta' drama nsibu mhux biss l-istil, l-iżvilupp u l-plot jieħdu sura ġdida, imma wkoll il-mezzi tekniċi huma differenti minn dawk konvenzjonali.

X'uħud kitbu li d-dramm modern hu rivoluzzjonarju minħabba t-taqliba li jġib fl-arti drammatika; oħrajn igħidu li d-dramm modern hu esploživ jew pijonier għax hu jiftaħ toroq jew oqsma ġodda fis-sengħa tal-palk u ħafna drabi d-dramm modern iservi ta' xempju biex fuqu jimxu jew ifasslu awturi ġodda. Difatti ħafna mill-karattri tat-teatru modern li llum saru komuni u aċċettati minn kulħadd huma mfasslin fuq "pattern" jew fuq innovazzjonijiet li daħlu fuq il-palk xi mitt sena ilu u li meta dehru għall-ewwel darba qajmu reazzjoni u argumenti kbar billi f'dak iż-żmien kienu tant ġodda u

---

* Billi din il-kitba baqgħet ma dehritx stampata, jixraq li tidħol f'dan il-għadd kommemorattiv ta' **Il-Malti** bħala turija ta' l-interess ta' Ġużè Galea fit-Teatru — **Id-Direzzjoni.**

straordinarji li ħasbuhom thewdin tal-moħħ jew stramberiji ta' awturi eżaltati.

It-teatru hu arti, iżda huwa wkoll għandu mix-xjenza. Għax bħalma l-mużika, il-pittura, l-iskoltura u arti oħrajn inisslu sodisfazzjon u gost fil-bniedem, hekk it-teatru jpaxxi l-udjenzi, iħennilhom qalbhom, igħaxxaqhom, jagħtihom pjaċir, jeżaltahom u jserraħhom millhemm u min-niket tal-ħajja ta' kuljum. Min-naħa l-oħra fit-teatru l-aktar modern hemm element ta' xjenza għax bħalma din tikkontribwixxi għall-progress tal-ħajja billi tiskopri u tintroduċi mezzi ġodda u sistemi perfezzjonati, twettaqhom fuq il-palk u turihom fil-ġmiel u fis-siwi tagħhom u twissi l-ispettaturi kif jistgħu jinqdew bihom ħalli huma japprezzaw aktar il-vantaġġi tal-ħajja jew ir-riżorsi tan-natura, u hekk jirrendu l-eżistenza tal-bniedem aktar hienja u kuntenta, aktar fil-paċi u fis-sliem. Ċertament it-teatru modern bħax-xjenza jqajjem kontroversi u hekk jistimola l-moħħ.

Meta kellu bidu t-teatru modern? Hawn ħafna teoriji, x'uħud saħansitra jaħsbu li dak li aħna issa nafuh bħala teatru modern m'hux ħaġa oħra ħlief sura moderna, jew riġenerazzjoni, tat-teatru klassiku antik meta d-drama, aktarx traġika, kienet tittratta dwar problemi jew prinċipji soċjali jew filosofiċi. It-teatru Grieg li rajna dan l-aħħar reċitat fit-teatru ta' l-Università, fih konċett profond li jħarrek mhux tant is-sentiment daqskemm jistimola l-intellett. Id-dramm "Oedipus Rex" fih problema psikika ta' l-aqwa serjetà, tant li minnha ħareġ dak il-konċett magħruf bħala "Oedipus Complex".

Iżda l-opinjoni ġenerali hi illi t-teatru modern tfaċċa madwar l-1880, meta d-dramm realistiku jew aħjar naturalistiku beda jkun imħaddem minn Ibsen, Chekhov u Shaw, li l-opri tagħhom qajmu bħal rivoluzzjoni fil-palk kontemporanju. Anzi xi wħud isostnu li l-magħmudija tad-dramm naturalistiku saret f'Pariġi fil-lejla tal-10 ta' Diċembru 1896, meta mar in xena għall-ewwel darba l-"Ubu Roi", dak id-dramm diżordinat ta' Alfred Jarry, li jiftaħ l-ewwel battuta bil-kelma moqżieża "Merdre". Ma' dik l-ewwel esklamazzjoni, id-dramm qajjem reazzjoni qawwija. Min faħħar u min maqdar, min ċapċap u min saffar; u qajjem konflitt mhux biss flimħuħ iżda wkoll fl-imġieba ta' l-ispettaturi fil-platea li qabdu f'xulxin u għaġġbu lill-atturi ta' fuq il-palk bil-qilla surrealistika li biha ħebbu għal xulxin!

Imma l-aqwa żvilupp tad-dramm modern kien fil-bidu tas-seklu

li aħna fih, bejn l-1900 u l-1914, dak il-perijodu ta' tensjoni artistika ta' qabel l-Ewwel Gwerra Kbira. Donnu kien preżentiment li għal erba' snin kull ħajja u kull attività artistika kellha tkun sospiża f'dawk l-erba' snin ta' qtil u ħerba, u għalhekk il-għorrief intellettwali donnhom għamlu sforz biex qabel ma jaqa' d-dlam tal-ħerba, jixegħlu ħuġġieġa li ssaħħan u tagħti dawl qawwi f'kull fergħa artistika. Bħala riżultat ta' dik l-attività intellettwali ħarġu opri ta' ġenju sublimi li kienu qishom beraq li jleħħ qabel tfaqqa' t-tempesta.

F'dak il-perijodu ta' qabel il-Gwerra wieħed jinnota tliet innovazzjonijiet li għandhom x'jaqsmu mal-palk: l-abbandun tax-xejriet qodma fil-għamla u fin-nisġa tal-kummiedja u tat-traġedja, id-dinamiżmu u l-moda ta' esperimenti ġodda f'dak li hu żvilupp drammatiku, u l-organizzazzjoni ta' kumpaniji mmexxijin minn "producers" professjonali f'teatri riservati għalihom biss. Il-kritiku Ingliż Kenneth Ignan kiteb hekk: "From a critic's point of view, the history of the 20th century drama is the history of a collapsing vocabulary. Categories that were formerly thought sacred and separate began to melt and flow together like images in a dream".

Il-kummiedja u t-traġedja ma baqgħux kull waħda minnhom magħluqa f'ċirku għaliha nnifisha, iżda resqu lejn xulxin, tħalltu u ngħaqdu t-tnejn flimkien biex inisslu dak id-dramm dinamiku modern li għandu mit-tnejn imma ma jpoġġi fuq l-ebda waħda minnhom. Hekk illum ma nistgħux nikkwalifikaw ċerti drammi ġodda f'kategoriji antiki; ma nistgħux ngħidu għal liema klassi jappartienu, per eżempju, id-dramm "Waiting for Godot" jew "The Hostage" jew "A Taste of Honey"għax għalkemm fihom elementi komiċi u drammatiċi, l-essenza tagħhom hi karatteristika tagħhom biss.

Fl-ewwel għaxar snin tas-seklu tagħna beda jagħmel isem mgħallem ġdid fl-arti drammatika— Anton Chekhov — li beda joħroġ dawk id-drammi li fasslu sura u saru "pattern" għal bosta u bosta oħrajn li waslu wara. Dik is-sura ġdida kienet minsuġa minn problemi, teoriji, ideat, spekulazzjonijiet, "stresses and strains" tal-ħajja mgħaġġla u ħarkiena tas-seklu għoxrin, ħajja li tirrifletti t-tqanqil għal-libertajiet mhux biss politiċi u soċjali, imma wkoll intellettwali. Hekk iż-żewġ drammi "The Three Sisters" (1901) u "The Cherry Orchard" (1904) huma mera ta' kif dik il-klassi ta'

sidien għonja u benefatturi li kellhom sehem kbir fil-ħajja tal-kotra, kellha ċċedi quddiem il-forza ġdida tal-flus u tal-progress mekkaniku. Dik forsi kienet l-ewwel ċaqliqa ta' dik it-taqliba tremenda li skoppjat fir-Russja u li minn hemm stendiet u nħasset fid-dinja kollha u ħalliet l-effett tagħha fil-ħajja li qegħdin ngħixu llum.

Chekhov ma baqax waħdu għax, bħal kull prekursur, sab oħrajn li mxew warajh. Wieħed mis-segwaċi tiegħu hu Augustus Strindberg; ngħid segwaċi fis-sens li hu wkoll ħaddan ideat ġodda iżda ma fassalhomx fuq il-mudell ta' dawk ta' Chekhov. Strindberg għandu żewġ motivi li jispikkaw fid-drammi tiegħu: wieħed hu n-naturaliżmu għeri, ossessjonat, kważi newrotiku kif jidher fid-drammi "The Feather", "Miss Julie", u "Creditors". Il-motiv l-ieħor hu mibni fuq is-simboliżmu, dak is-simboliżmu li jġib konfużjoni fil-moħħ bħalma jidher fi "Dream Plaz", "The Ghost Sonata" u "Dance of Death".

F'dawn id-drammi ta' Strindberg wieħed jinnota l-ġenju konfuż u xewqan ifittex u jistħarreġ dwar il-valuri tal-ħajja moderna u dwar l-intrapriżi, l-innovazzjonijiet u l-kriżi li qegħdin jiġru kuljum fid-dinja tagħna.

Dawk il-pijunieri tad-drama moderna Ibsen, Chekhov, u Strindberg kellhom segwaċi li kienu mnebbhin mill-ideal tagħhom u li ngħaqdu mal-moviment il-ġdid li tqanqal fost is-sostenituri tal-palk, u hekk naraw fuq il-palk jinħadmu l-opri ta' John Galsworthy, Hartley Granville-Barker, Stanley Haughton, Harold Brighouse u magħhom Gorky u Apollinaire.

Ix-xogħlijiet ta' dawn kollha jseddqu u jirrinforzaw dik il-mewġa surrealistika li qamet fl-aħħar snin tas-seklu li għadda u invadiet it-teatru progressiv fil-bidu ta' dan is-seklu li aħna fih. Id-dramm ta' Haughton jittratta dwar il-konflitt tal-klassi fil-kamp tax-xogħol: min jaħdem u min iħaddem, u fi żmienu kellu influwenza fuq il-moviment laborist fl Ingilterra. "Hindle Wakes" hu appuntu l-mudell tal-kunċett primarju fid-drama ta' Haughton.

Dan l-aħħar osservajna tqanqila fl-interess għad-dramm "Hobson's Choice" ta' Brighouse, dramm li jesponi għall-kritika r-reazzjonijiet ordinarji ta' nies komuni li, għalkemm huma żgħar fl-iskala soċjali, għandhom problemi personali li għalihom huma ta' l-akbar importanza jew ta' l-aqwa serjetà. Hekk ukoll il-persunaġġi li joħloq Granville-Barker f'"The Voysey Inheritance" huma nies li ċ ċirkostanzi tal-ħajja jobormuhom f'inkwiet tremend.

Sfortuntament Galsworthy għadu ma sabx ammiratur qawwi li bl-entużjażmu tiegħu jġiegħel lill-pubbliku juri dak l-apprezzament xieraq li jistħoqqlu dan l-awtur.. Id-dramm tiegħu "Justice", kieku kellu jidher illum fuq il-palk internazzjonali jew fuq it-televiżjoni, kien żgur li jqajjem riefnu ta' kritika soċjali. It-teknika hi studjata u għalkemm mhux sentimentali iżda fih sentiment biżżejjed biex iqanqal ir-ruħ bla ma jgħaxxi l-qalb. Meta Winston Churchill ra dan id-dramm ta' Galsworthyf fl-1910, tant impressjona ruħu li bla telf ta' żmien ippropona fil-House of Commons riforma biex itejjeb il-qagħda tal priġunieri fil-ħabs.

Gorky ta statura għolja lid-dramm tar-realiżmu fir-Russja. Ix-xogħlijiet tiegħu marru in xena fl-'Arts Theatre' ta' Moscow, taħt it-treġija ta' Stanislavsky u kellhom suċċess meraviljuż. Huma, biex ngħid hekk, poġġew fuq pedestall l-idea surrealistika ta' Chekhov. Id-dramm ta' Gorky "The Lower Depths", li nħadem l-ewwel darba fl-1903, kellu infuwenza kbira fuq il-moviment ġdid ta' realiżmu fit-teatru internazzjonali.

Għedna li l ewwel skoss li qanqal it-teatru modern inħass f'Pariġi fl-ewwel reċta tal-"Ubu Roi". F'dik il-belt baqgħet ġejja 'l quddiem it-tqanqila għall-modernità fil-kunċett tad-drama. Apollinaire kien wieħed mill-kittieba l-aktar entużjasti tad-drama l-ġdida. Fl-1903 hu ipproduċa għall-ewwel darba d-dramm tiegħu "The Breasts of Tiresias", opra li tinqata' mill għamla antika u tradizzjonali u minflok tieħu sura ġdida għal kollox fl-imġieba tal-karattri, fid-djalogu, fis-sitwazzjoni, fiċ-ċirkustanzi u saħansitra fl-effetti tekniċi. Apollinaire jiddeskrivi dik l-opra bħala "un drame surrealiste", l-ewwel darba li ssemmiet dik il-kelma bħala kwalità jew karatteristika tad-drama l-ġdida.

Imma wieħed mill-appostli l-kbar tat-teatru modern hu George Bernard Shaw, G.B.S., li jogħla fis seklu li għadda u f'dan li aħna fih bħal Kolossus b'sieq waħda fis-seklu XIX u bl-oħra fis-seklu XX. GBS hu forsi dak l-awtur li ta sura perfetta u skop konkret lid-drama moderna. Id-drammi tiegħu jistgħu jitqiesu bħala eżerċizzi ta' spekulazzjoni dwar is-soċjetà moderna, u daqsu ħadd ma rnexxielu janalizza l-qoxra tiellex ta' barra u l-intern mherri tas-soċjetà. Hu jesponi l-verità moħbija fil-ġewwieni tal-persunaġġi u tal-karattri tad-dramm, imma jtaffi l-monotonija ta' dik il-verità bil-moviment sarkastiku u satiriku, u xi drabi wkoll bl-ironija li tniggeż.

Ħaġa kurjuża hi li GBS beda l-karriera tiegħu bħala dramatist tradizzjonali ta' żmien ir-Reġina Vittorja. "The Devil's Disciple" u "Man of Destiny" huma modellati fuq melodrama u attwalità, imma mbagħad fi żmien ħmistax-il sena (1900-1915), dak il-perijodu esplosiv tad-dramm modern, G.B.S. beda dik is-serje ta' drammi realistiċi li għamlu eku mad-dinja kollha u stabbilew standard li fuqu bdiet titqies id-drama tar-realiżmu. "Man and Superman" (1901-03), "Major Barbara" (1903), "The Doctor's Dilemma" (1906), "Getting Married" (1908), "Misalliance" (1910), "Androcles and the Lion" (1913), "Pygmalion" (1913), "Heartbreak House" (1914) — dawn jagħmlu sensiela ta' drammi li, jekk wieħed jaqraha mill-bidu sat-tmiem, ikun qisu qiegħed jistudja sistema ta' filosofija bi kriterji, loġika u etika maqtugħin għalihom biss.

Fix-xogħlijiet tiegħu G.B.S. kien ifittex li jadatta l-konċett tad-dramm għall-epoka ta' l-azzjoni. Hu kien isostni li dik ir-relazzjoni għandha importanza akbar mill-kwalità artistika ta' l-opra. Difatti d-dramm tiegħu "Man and Superman" hu mnissel mill-idea ta' "Don Juan", iżda Shaw ma jippreżentax il-karattru tiegħu bħala paladin li jġennen in-nisa għal warajh, iżda bħala idealist u innovatur biex jipprova li fl-epoka tagħna "Man is no longer like Don Juan, Victor in the duel of sex".

X'uħud jagħmlu paragun bejn Shaw u Pirandello u jsostnu li dan hu xbieha Taljana ta' l-awtur Ingliż. It-tnejn huma kampjuni tat-teatru realistiku u t-tnejn jiktbu b'dik il-ħarira nebbiexa li tqajjem ċerta reazzjoni fl-udjenza. Fil-personalità tagħhom hemm ukoll daqsxejn ta' taqliba, għax wieħed jinnota dak in-natural konġenitu għaġġiebi, ferrieħi u fastidjuż li jeżisti fir-razza Irlandiża (ta' Shaw) u fl-oħra Taljana (ta' Pirandello), għalkemm dan ta' l-aħħar kellu wkoll demm Malti!

Imma r-reazzjoni dwar l-attwalità ta' wieħed u ta' l-ieħor huma differenti: Shaw hu pożittiv u radikali filwaqt li Pirandello hu aktar fantastiku u "flambuoyant". Id-dramm tiegħu "Sei personaggi in cerca d'autore" hu eżempju ta' ġenju li joħloq sitwazzjonijiet fantastiċi, filwaqt li fid-dramm l-ieħor "Trovarsi" wieħed josserva l-enfasi fuq l-oriġinalità u l-istramberiji tas-sitwazzjoni u taċ-ċirkostanzi.

Kull moviment, wara ftit taż-żmien, iqanqal ir-reazzjoni, u aktar ma jkun moviment qawwi aktar ir-reazzjoni tkun imħarrka. Hekk ġralu l-moviment realistiku tat-teatru modern; hu nissel ħerqa fost

l-awturi biex joħolqu xi stil jew xi moda li tagħmel kjass fil-kamp tar-realiżmu, u minn din ix-xewqa tnisslet ir-reazzjoni anti-realistika bi skop li turi u tipprova li għalkemm ir-realiżmu kien pass 'il quddiem, iżda ma kienx progressiv biżżejjed u radikali kif kellu jkun biex jistimola l-imħuħ u jisfida l-burokrazija intellettwali.

Dan il-moviment twieled Pariġi f'dik l-epoka dinamika ta' attività kulturali u ta' impriżi artistiċi esplorattivi li skonvolġew ħafna friegħi ta' l-arti u tax-xjenza wkoll, li taw bidu għall-pittura stil Kubist, għall-mużika ta' Erik Satie, għan-novella ta' Andrè Gide, għat-teoriji ta' Einstein u għall-idea ta' Freud.

Il-motiv prinċipali kien li jiżbarazzaw kull forma, kull stil, kull sistema aċċettati u stabbiliti, u flokhom idaħħlu għamliet ribelli u ġoddà għal kollox. Huma kienu jkkundannaw is-sistema tar-realiżmu xejn anqas mis-sistema tradizzjonali u melodrammatika għax it-tnejn kienu rabbew l-egħruq u ġew aċċettati fit-teatru.

Il-ħsieb ta' l-innovaturi kien li jiddistruġġu, jew aħjar jibdlu dak li ħa għamla u forma biex idaħħlu floku xi ħaġa ġdida ta' għamla u forma straordinarja u għalhekk aktar impressjonanti. Dan il-motiv ta bidu lill-istil anti-realistiku jew, kif sejħulu x'uħud, assurd fit-teatru modern.

Ionesco u Becket poġġew is-sisien ta' din l-aħħar għamla tad-drama ta' żmienna. L-istil tagħhom iqajjem eċċitament fil-moħħ ta' l-udjenza u huma jinqdew b'ċerti mottetti u manjeriżmi, ngħidu aħna ripetizzjonijiet, biex jirrinforzaw ħsibijiet jew ideat importanti fil-kontest tad-dramm "The Bald Primadonna", ta' Ionesco.

Għalkemm dan it-teatru anti-realist twieled f'Pariġi, is-sostenitur tiegħu l-aktar ħabrieki hu Ingliż, Gordon Craig. Fl-1919 dan l-awtur ippubblika ktieb ta' kritika "On the Art of the Theatre", li qajjem kontroversja ħarxa fl-ambjent teatrali. F'dan il-ktieb Craig isostni li fit-teatru modern mhux id-dramm biss, mhux l-awtur waħdu, mhux id-"decor" xelt, mhux il-"producer" espert huma individwalment responsabbli għas-suċċess ta' l-opri, imma s-sehem tagħhom kollha f'daqqa hekk li wieħed jista' jxebbaħhom bħal strumenti diversi li jdoqqu sinfonija f'kunċert. Jekk dawk l-istrumenti jkunu ko-ordinati, is-sinfonija tingħoġob, imma jekk ikunu skordati s-sinfonija titlef l-apprezzament ta' l-udjenza.

Dan il-"pattern" ta' kooperazzjoni llum ħa postu fl-aqwa ċentri teatrali tad-dinja; eżempju mill-aħjar tiegħu kienet il-produzzjoni ta' l-opra "Parade", l-iskript tagħha kitbu Cocteau, il-mużika ikkom-

ponieha Erik Satie, il-koreografija irranġaha Leonide Massine u d-"decor" pinġieh Picasso — veru eżempju ta' ko-operazzjoni fost maestri rinomati u magħrufin minn kulħadd.

Din ix-xejra għall-unjoniżmu fit-teatru se twassal, skond il-kritiku Jean-Louis Barrault, lejn it-teatru totali, dak it-teatru li fl-essenzjali tiegħu hu kuntrarju għall-esklużività ta' ideat jew prinċipji kif kien beda d-dramm realistiku tat-teatru modern.

Dawn li għedtilkom huma ftit kliem dwar it-teatru modern. Rajna li wara l-għamla tradizzjonali, dik tas-sentimentaliżmu, dehru fuq il-palk il-għamliet oriġinali ta' emozzjonaliżmu, riflessjoni u astratti; dik l-oriġinalità mbagħad iġġebbdet f'għamliet aktar komplikati, żviluppat ruħha fir-realiżmu, fin-naturaliżmu u dan l-aħħar fl-anti-naturaliżmu. Dawn it-taqlibiet u għamliet ġodda kienu konsegwenza ta' ħeġġa bla mistrieħ ta' l-intellett tal-bniedem li dejjem sejjer bla ma qatt jaqta' biex jimxi 'l quddiem, jipperfezzjona, jagħmel progress u jiskopri xi ħaġa ġdida.

Dawn l-iskoperti jistgħu jkunu ta' interess kontemporanju biss, bħalma huma l-modi li joħorġu kull staġun, imma xi drabi l-iskoperti jkunu tant kbar u jkollhom tant fejda fil-ħajja soċjali jew intellettwali li jibqgħu jwettqu għaxqa u hena minn ġenerazzjoni għal oħra. It-teatru tradizzjonali mseddaq bl-opri ta' Shakespeare, Schiller, Molière u Goldoni għadu sal-lum ihenni l-qalb u jpaxxi r-ruħ: It-teatru modern imsejjes fuq l-opri ta' Ibsen, Chekhov, Gorky, Shaw, Apollinaire, Pirandello, Ionesco se jrabbi l-egħruq u jibqa' jsaltan fir-renju fantastiku tad-drama? Ir-risposta jagħtuha dawk li jkunu jgħixu mitt sena oħra, u jekk tkun pożittiva aktarx li dawn l-opri, barra fid-dinja tagħna, jipproduċuhom ukoll fil-Qamar!